**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Frar, 2016**

**Talba Nru: 471/2015 DMA**

**GO plc**

**(C 22334)**

**Vs**

**Infratec Pro Limited**
**(C 26290)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 ta' Gunju, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi s-socjeta' konvenuta ghandha taghti lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elf mija u hdax-il Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€1,111.25) in konnessjoni ma' servizzi fuq 21660479, 21660502, 21661942, 21663681, 21663783, 21663900, u 23956000 (AC 10023794).

Illi interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra s-socjeta' attrici, bl-ingunzjoni tas-socjeta' attrici in subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tat-2 ta' Frar u qas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tat-2 ta' Frar, 2016 u filfatt is-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta' elf mija u hdax-il Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€1,111.25)  bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez u drittijiet, ikunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**